MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2011

Numru 1/2011

**“Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin J. Farrugia)**

**v.**

***… omissis …***
**Michael Portelli”**

Il-Qorti,

**1.** Regghet rat in-nota ta’ l-ufficjal tal-*probation* Ivan Sultana tad-9 ta’ Marzu 2011 li bih ghamel denunzja fis-sens ta’ l-artikolu 21 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, u fejn informa lil din il-Qorti li l-imsemmi Michael Portelli naqas li jzomm ruhu f’kuntatt ma’ l-Ufficcju ul-Ufficjal tal-*Probation* skond id-direttivi moghtija lilu, naqas milli joqghod ghad-direttivi moghtija lilu mill-istess Ufficjal tal-*Probation* sabiex jiehu l-kura mehtiega minhabba l-vizzju tad-droga billi m’attendiex ghal diversi appuntamenti li

kellu mal-CARITAS u Substance Misuse Unit u ma zamm ma’ l-edba pjan ta’ kura mfassla ghalih, u b’hekk baqa’ jabbuza mill-eroina kif stqarr il-*probationer* stess ma’ l-Ufficjal tal-*Probation*;

**2.** Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali fis-27 ta’ April 2009 li permezz taghha dik il-Qorti, fuq ammissjoni, u wara li rat l-artikoli 261(c), 267, 279(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imsemmi Michael Portelli hati talli nhar-it 22 ta’ Frar 2007 ghall-habta tas-7.00 p.m. minn gewwa l-istabiliment “Eurosport” sitwat fi Triq Salvu Psaila, Birkirkara, flimkien ma’ persuna ohra (ko-imputat mieghu) ikkommettew serq ta’ proprjeta` (hwejjeg sportivi) ghad-dannu ta’ John Peresso u/jew il-Kumpanija Eurosport Ltd. u/jew terzi persuni ohra, liema serq huwa kwalifikat bil-valur ta’ izjed minn mitt lira, u qeghditu taht *probation* ghal perijodu ta’ tliet snin;

**3.** Rat l-ordni ta’ *probation* ta’ l-istess data maghmul fil-konfront ta’ l-istess Michael Portelli u li stabbilixxiet is-segwenti kondizzjonijiet:

**“1. Li matul il-perijodu ta’ *probation* il-hati ghandu jgib ruhu tajjeb, joqghod ghad-direttivi kollha tal-*probation officer* u jzomm dak il-kuntatt mehtieg u mitlub mill-ufficjal tal-*probation* mahtur lilu.**

**“2. L-ufficjal tal-*probation* mahtur ghal dan l-iskop ghandu/ha j/tirrapporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-hati kull …. Xhur/sena.**

**“3. Il-hati ghandu tavza immedjatament lill-ufficjal tal-*probation* b’kull bdil li talvolta taghmel fl-indirizz residenzjali tieghu;**

**“4. Li ghandha jzomm ruhu f’kuntatt ma’ l-ufficjal tal-*probation* skond id-direttivi li jaghtih minn zmien ghall-iehor l-istess ufficjal tal-*probation*; u partikolarment li huwa ghandu, jekk l-ufficjal tal-*probation* ikun hekk irid, jircievi zjarat ta’ l-istess ufficjal tal-*probation*;**

**"5. Li jissottometti ruhu ghal test ta' l-urina kull darba li jigi ordnat mill-ufficjal tal-*probation*."**

**4.**Semghet id-deposizzjonijiet moghtija mill-ufficjal tal-*probation* Ivan Sultana kif ukoll id-deposizzjoni ta' Jean Cali; ikkunsidrat:

**5.** Permezz tad-denunzja pprezentata fid-9 ta' Marzu 2011, l-ufficjal tal-*probation* Ivan Sultana nforma lil din il-Qorti illi l-*probationer* Michael Portelli (1) naqas li jzomm ruhu f'kuntatt ma' l-Ufficcju u l-Ufficjal tal-*Probation* skond id-direttivi moghtija lilu, (2) naqas milli joqghod ghad-direttivi moghtija lilu mill-istess Ufficjal tal-*Probation* sabiex jiehu l-kura mehtiega minhabba l-vizzju tad-droga billi ma attendiex ghal diversi appuntamenti li kellu mal-CARITAS u s-Substance Misuse Unit u ma zamm ma' l-ebda pjan ta' kura mfassla ghalih, u (3) baqa' jabbuza mid-droga eroina kif stqarr hu stess lill-Ufficjal tal-*Probation*. Dan gie kkonfermat minn Ivan Sultana meta xehed quddiem din il-Qorti fis-16 ta' Marzu 2011. Ghalkemm jidher li wara dik is-seduta l-*probationer* zamm xi appuntamenti ma' l-ufficjal tal-*probation* tieghu (ara xiehda tat-30 ta' Marzu 2011), sussegwentement tressaq il-Qorti in konnessjoni ma' kaz iehor u qieghed jinzamm taht arrest preventiv. Sadattant qieghed jiehu l-*methadone* f'dozi li dejjem jonqsu.

**6.** Evidentement il-kundizzjonijiet li saru fl-ordni ta' *probation* tas-27 ta' April 2009 kienu ntizi sabiex il-*probationer* jzomm 'il boghod mid-droga. Dan ma sewa ta' xejn. Il-*probationer* ma kisirx kundizzjoni wahda izda diversi kundizzjonijiet. Ghalkemm jidher li kien beda xi forma ta' kuntatt mal-CARITAS, in vista tal-proceduri godda pendenti kontra tieghu huwa twaqqaf milli jsegwi kors mill-CARITAS stess. Ovvjament il-*probationer* ma kellux ghalfejn jistenna daqshekk biex jipprova jaghmel hiltu u jibda kors, izda kellu jahtaf l-opportunita` li taghtu l-Qorti meta qeghditu taht *probation*. Mill-fedina penali aggornata tieghu mbaghad jirrizulta, almenu *prima facie*, illi b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'

Gudikatura Kriminali tat-3 ta' Mejju 2007 huwa gie kkundannat multa ta' hamsin lira (Lm50) dwar pussess ta' arma tan-nar minghajr l-awtorizzazzjoni mehtiega; b'sentenza ta' l-24 ta' Settembru 2007 gie kkundannat multa ta' elf lira (Lm1,000) u ammendi ghal erbghin lira (Lm40) dwar ksur ta' ligijiet tat-traffiku u sewqan bla assikurazzjoni; b'sentenza tat-30 ta' April 2008 gie kkundannat sentejn prigunerija sospizi ghal tliet snin in konnessjoni ma' reati ta' serq, frodi u falsifikazzjoni; u b'sentenza ohra tas-6 ta' Marzu 2009 nghata *conditional discharge* ghal sena dwar pussess ta' raza tal-cannabis kontra l-ligi. Jigifieri l-appellant kien anke nghata opportunitajiet biex imur fit-triq it-tajba. L-akbar opportunita` nghatatlu meta tqieghed taht *probation*. Sfortunatament ma gharafx juzufruwixxi tali opportunita` u din il-Qorti thares b'lenti severa lejn min jibqa' darba wara l-ohra ma jaccettax l-ghajnuna li tigi offerta lilu biex ihalli warajh il-hajja kriminali jew biex jitbieghed minn xi vizzju bhalma hija d-droga.

**7.** Mehudin in konsiderazzjoni dawn ic-cirkostanzi, din il-Qorti hi tal-fehma li ghandha tittratta mill-gdid mal-*probationer* skond l-artikolu 21(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghar-reat li tieghu kien gie dikjarat hati bis-sentenza msemmija  tas-27 ta' April 2009 daqs li kieku ghadu kemm gie dikjarat hati ta' dak ir-reat.

**8.** Din il-Qorti konsegwentement rat l-imputazzjoni dedotta kontra Michael Portelli li dwarha l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, permezz tas-sentenza taghha tas-27 ta' April 2011 iddecidiet li takkordalu l-beneficcju ta' ordni ta' *Probation*`, u cioe` talli nhar-it 22 ta' Frar 2007 ghall-habta tas-7.00 p.m. minn gewwa l-istabiliment "Eurosport" sitwat fi Triq Salvu Psaila, Birkirkara, flimkien ma' persuna ohra (ko-imputat mieghu) ikkommettew serq ta' proprjeta` (hwejjeg sportivi) ghad-dannu ta' John Peresso u/jew il-Kumpanija Eurosport Ltd. u/jew terzi persuni ohra, liema serq huwa kwalifikat bil-valur ta' izjed minn mitt lira;

**9.** Fid-determinazzjoni tal-piena din il-Qorti trid ukoll tiehu in konsiderazzjoni s-segwenti fatturi: l-ammissjoni bikrija

tal-hati (difatti ammetta fl-istess jum li fiha nqrat l-akkuza), il-fatt li r-refurtiva giet restitwita u l-fatt li sad-data li twettaq ir-reat in kwistjoni l-fedina penali tieghu kienet ghadha nadifa. Id-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin ghandu jipprovdi lill-hati l-ghajnuna necessarja minhabba l-problema tad-droga.

**10.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi, a tenur tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 21 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li kkonstatat li l-*probationer* Michael Portelli kiser il-kundizzjonijiet ta' l-ordni ta' *probation* tas-27 ta' April 2011 maghmul mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, qed tittratta mieghu ghall-imputazzjoni li dwarha hu kien tpogga taht tali ordni daqs li kieku ghadu kemm gie dikjarat hati minn jew quddiem din il-Qorti ghal dik l-imputazzjoni, u filwaqt li ghal kull bwon fini tikkonferma l-htija fir-rigward ta' l-imsemmija imputazzjoni, tirrevoka l-ordni ta' *probation* maghmul bis-sentenza msemmija, u wara li rat l-artikoli 261(c), 267, u 279(a), tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imsemmi Michael Portelli ghal prigunerija ghal perijodu ta' seba' xhur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------